MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-20 ta' April, 2005

Avviz Numru. 73/2001/1

**Alfred Tanti**

**Vs**

**Jackie Ciantar**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-attur is-somma ta' tlett mija u seba u ghoxrin lira u erbghin centezmi (Lm327.43), jew somma verjuri, danni minnu imgarrba b'rizultat ta' incident awtomobilisitku li gara fl-10 ta' Mejju 2000 fir-roundavout ta' Hal Lija, Naxxar Road bejn il-vettura AAD 214 tal-istanti u l-vettura JCQ 666 misjuqa mill-konvenuta.

Prevja d-dikjarazzjoni li l-konvenuta kienet unikament responsabbli ghal dan l-incident minhabba negligenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Bl-ispejjes u interessi mid-data tan-notifika tal-aviz kontra l-konvenut inkuzi Lm38 ta’ spejjes legali maghmula mill-attur u dawk tal-ittra ufficjali presentata fid-data ta’ l-avviz kontra l-assikuraturi tal-konvenuta, liema konvenuta hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet in esami li biha il-konvenuta (fol 8 ibid) eccepiet bir-rispett:-

1. It-talba tal-attur ghandha tkun respinta billi l-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma garax tort tal-eccipjenti izda gara htija ta’ l-attur nnifsu.
2. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi in rigward id-dinamika ta’ dan l-incident, xehedu l-partijiet involuti, biss, u, filfatt, l-istess partijiet imlew id-dokumeni (a fol 18 tal-atti) esebit in fotokopja liema dokument, pero’ ma jistax jigi kunsiderat bhala ghajnuna sabiex jista’ jigi deciz minn kien qed jsuq b’mod negligenti f’dan il-kaz in vista li ma sarx ‘plan of accident’ u lanqas ma gie indikat ‘the point of intial impact’.

Ikkunsidrat

Illi l-attur (fol 15 sa fol 17 u fol 21 sa fol 22 tal-atti) spjega illi hu kien qed jsuq il-karozza numru AAD 214 u kien hiereg minn Vjal it-Trasfigurazzjoni f’Hal Lija. Hawnhekk l-attur jsostni li hu waqaf ‘fuq il-kaxxi s-sofor li hemm hemmhekk’. Hawnhekk jigi notat li dawn il-kaxxi jinsabu hemm sabiex l-ebda vettura ma tieqaf fuqhom u dan sabiex ma jkunx hemm ostakoli ghac-cirkolazzojni tat-traffiku li jkun gej mid-direzzjoni ta’ Birkirkara, fuq il-lemin tal-attur. Difatti kien hemm traffiku gej minn din id-direzzjoni u skond l-attur l-istess traffiku ‘… waqaf (wara li oltrepassa r-roundabout hemmhekk u li tinsab fuq il-lemin

tieghu) u halla spazju biex jien ghaddi 'oltre li sar sinjal minn injot li kien qed jsuq 'van' …..'sabiex nghaddi'. Ghalhekk l-attur saq u '…. Kif kont fuq ir-'roundabout' harist lejn in-naha tax-xellug …' lejn ic-cimiterju ta' Hal Lija u hawnhekk '… smajt hoss bhal 'clikk' '. In rigward il-konvenuta, hu ma kienx raha waqt li saqet hdejh izda kien raha, in-naha l-ohra tat-triq waqt li kienet qed iddur mal-vettura taghha. Difatti l-attur xehed testwalment '…. Nimmagina illi l-konvenuta ghaddiet minn bejn ir-roundabout u l-karozza tieghi'. Pero l-konvenuta kienet qaltlu li ma kelliex hsara u 'ghal hafna drabi ….. 'skuzani', tort tieghi'. In rigward il-hsara fuq il-vettura tieghi, l-attur allega illi l-istess hsara kienet fuq '… l-bumper' ta' quddiem tieghu tal-lemin'. Fl-ahhar nett jigi notat illi l-istess attur xehed "Fir-roundabout jiena ma kontx ma karrozzi ohrajn' u 'Fl-ebda hin, qabel l-incident, ma rajt il-vettura l-ohra misjuqa mill-konvenuta.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenuta (fol 25 u fol 26 ibid) meta xehdet qalet li kienet qed isuq mill-Wied ta' Hal Balzan sabiex iddur mal-imsemmija 'round about' u tidhol fl-hekk imsejjah 'bypass' ta' Birkirkara. Wara li oltrepassat sinjal ta' "give way" imedjatament qabel ir-"roundabout" u kienet di gja waslet sabiex tidhol fl-istess 'bypass', meta skond, hi gara dan l-incident. Dwar dan, hi pprecizat illi kienet 'fuq in-naha tal-lemin ta' dawn il-kaxxi s-sofor" gja msemmija mill-attur.

In rigward fejn intlaqtet il-vettura misjuqa minnha hi specifikat li din kienet intlaqtet fuq wara fuq in-naha tax-xellug. Inoltre hi ammettiet illi wara l-incident '… nahseb ….. li ghidt illi l-kaz gara tort tieghi' izda kienet qalet dan il-kliem ghax 'kont bzjat'.

Ikkunsidrat

Illi, mill-provi kif esposti, dawn jirrisultaw, b'mod evidenti illi huma insufficjenti sabiex jigi pruvat, fuq basi ta' probabilta, illi kien hemm xi negligenza fis-sewqan da parti tal-konvenuta. Inoltre jkun opportun li jigi ripetut illi tali prova kienet tinkombi, bhala oneru, fuq l-attur u l-Qorti hi tal-

konvinzjoni li l-istess attur, manifestament, ma pprovax tali negligenza da parti tal-konvenuta.

Illi, ghalhekk, in vista ta' dak li ghadu kemm gie premess u peress li d-dinamika ta' dan l-incident ma tantx hi cara, mill-istess provi prodotti, it-talbiet attrici ma jistghax tigi milqugha.

Ghal dawnil-motivi, l-Qorti tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kollha jithallsu mill-istess attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------